Karm bħala l-poeta ideali, u, fuq it-tagħlim safi u Nisrani tiegħu, ifasslu l-ħajja tagħhom!

# IT-TIELET XHIEDA TA' QIMA LIL DUN KARM

Minn WALLACE PH. GULIA, LL.D., B.A., B.SC., PH.C.,
M.A. (ADMIN.), D.P.A. (LOND)

IL-ĠMIEL fil-poeżija ta' Dun Karm huwa bħal għabra fina ta' nida li tixxerred ma' kullimkien. Insibuh fid-deskrizzjonijiet Virġiljani tar-raba', tal-widien, tal-kampanja Maltija waqt li jgħanni lit-Tifla tar-Raba', lis-Silla, lill-Ġunju; insibuh fl-apprezzament storiku ta' ġensna li wassal għall-poeżiji sublimi tat-*VIII ta' Settembru*, tal-*E. Boats*, tas-sunetti *Għal Dun Mikiel Xerri*, *Wied Qirda* u *Nhar San Ġwann*. Fl-imħabba għal dak kollu li hu Malti nsibu l-ġmiel patrijottiku bħal meta tħoss il-poeta-interpretu tal-poplu jistqarr:

*Iżda daqsek lil ħadd, O Malta tiegħi,*
*għax int biss ommi, inti tajtni l-isem,*
*u għadmek għadmi, u demmek jiġri miegħi.*

Imbagħad hemm il-ġmiel tal-fantażija li f'Dun Karm hija dejjem marbuta mar-realtà tal-ħajja — fantażija li tgħaġġbek u ssaħħrek għax ma tistennihiex u turik kemm il-bniedem, ukoll jekk kolt, huwa superfiċjali ħdejn l-intwizzjoni tal-poeta msaħħar, Hu, bħala eżempju, is-sunett *Bjuda*: kif igħaddi mill-bjuda tal-ġiżimin għal dak tas-silġ u tal-qamar biex fl-aħħar jasal, f'sintesi reliġjuża tal-għaġeb, fil-bjuda tax-xbubija ta' Omm il-Feddej; jew inkella *Univers Ieħor,* fejn ilaqqa' il-wiċċ tat-tarbija mal-wiċċ tal-Omm tal-Ħallieq:

*'U minn dak l-Univers ta' tieba u dija*
*li jiddi ħelu fuq il-wiċċ ta' mara*
*Alla jixref u jidħak lit-tarbija.'*

Insibuh il-ġmiel fil-poeżija ta' Dun Karm fil-ħlewwa tas-sentiment li jġiegħlek tħoss mal-poeta, taqsam miegħu l-ferħ u n-niket, ngħidu aħna f'*Dell u Dija* dik iċ-ċanfira mqanqla lil dawk li ma ħamlux l-għanja tiegħu safja tfawwar fl-ilsien tal-omm li tatna isimha; naqsmu miegħu il-

biża' ta' l-imgħoddi u ta' li ġej bħal *f'Il-Ġerrejja u Jien;* naqsmu miegħu l-imħabba lejn ommu, bħal fil-ġawhra *Int ma Terġax* u l-ġibda lejn ħlejqa ċkejkna li serqitlu qalbu *f'Lil Kanarin Tiegħi.* Kullimkien tħoss is-sentiment fin, tajjeb, magħżul, milqut; għax kollox f'Dun Karm jixgħel fil-ġmiel tad-dawl tar-reliġjon li ħabb u għex u għallem u jibqa' jgħallem. Il-kobor tal-Knisja, l-immortalità tar-ruħ, ir-rebħa tat-tajjeb, Ġesù fil-ħajja Maltija ta' kull jum, il-Madonna li tħares fuq kulħadd mill-quċċata ħadra taċ-ċimiteru tal-Addolorata, jidhru fil-ġmiel tagħhom kollu fil-versi tiegħu. Għalhekk xieraq li ngħidu li Dun Karm huwa l-aħjar u l-aqwa interpretu taċ-ċiviltà Maltija – kattolika, familjari, storika, pastorali – li ntemmet mal-gwerra li għaddejna minnha u li ma terġa' fostna qatt.

U dan il-ġmiel kollu huwa mfisser fi ġmiel ta' kliem u frażijiet u epigrammi u ritmi u lwien u melodiji li jinbidlu minn waqt għal ieħor u minn għanja għal oħra kif naraw *f'Alla Mhux Hekk, Warda li Tgħid Ġrajjietha* u *Non Omnis Moriar.* Kullimkien tħoss id-daqqa tal-imgħallem – hekk li fil-Malti għalih biss nistgħu ngħidu, kif fl-Ingliż aktarx li għal Shakespeare biss nistgħu ngħidu – li jaf il-valur intrinsiku ta' kull kelma, li b'kull kelma jilgħab u b'kull kelma jinqeda biex ifisser b'ċarezza liema bħala il-ħsus tas-sens, it-taħwid tal-ħsieb u x-xenqat tar-ruħ, magħluqa bejn is-sens u l-ħsieb.

Dan fuq il-ġmiel fil-poeżija tal-poeta tagħna. X'nistgħu ngħidu fuq il-qawwa tagħha? Haġa waħda biss: Erġgħu aqraw *L-Jien u lil Hinn Minnu* – poema filosofiku – poema li jħabbatha mad-*Dei Sepolcri* tal-Foscolo u joqgħod tajjeb ħdejn l-aqwa xogħlijiet letterarji ta' l-istess sura Ingliża. Quddiem dan il-kobor il-kliem jieqaf u l-kritiku joqgħod f'postu.

## XHIEDA TA' QIMA LIL DUN KARM

Mill-Professur J.A. Manchè, C.B.E., B.Sc., M.D., LL.D.Hon. (W.Ont.)
Rettur u Viċi-Kanċellier tal-Università Rjali ta' Malta

Hija haġa wisq xierqa li min jaħdem għal pajjiżu u jagħmel il-ġid ikun magħdud bħala benefattur tal-poplu. U xogħlu għandu ikun apprezzat, u mogħti l-piż li jistħoqqlu.

U min jista' jiċħad li wieħed minn dawn in-nies li għaddew ħajjithom jaħdmu għal art twelidhom b'ħilthom kollha ma huwiex il-Poeta Nazzjonali Malti, Dun Karm Psaila? Alla tah l-għomor u Dun Karm ma heliex mument